MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**HAYMAN MIRIAM LL.D.**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2001

Numru 1/2001

**Il-Pulizija**
**(Sp. M'Stella Cutajar)**

**vs**

**Joseph Camilleri ta' 47 sena, bin George u Carmela nee Galea, imwieled Ghaxaq, u joqghod 34, St. Philip Street, Ghaxaq, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 534747 (M).**

**Illum 19 ta' Jannar, 2001.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza fejn l-hawn fuq imsemmi Joseph Camilleri gie akkuzat talli nhar is-16 ta' Dicembru, 1993 u fiz-zminijiet ta' qabel b'diversi azzjonijiet maghmulin minnu fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonmijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda bhala detentur jew konsumatur tal-fond 34, Triq San Filippu, Ghaxaq jew

bhala persuna li kellu f'idu l-imsemmi fond b'mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista' jkollu l-uzu jew il-kondum legittimu ta' l-ilma jew li bihom jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-meter tal-kwantita' mehuda jew ikkunsmata fil-fond fuq imsemmi u b'hekk ikkommetta serq ta' ilma li jammonta ghal Lm1233.21 ghad-dannu tal-Korporazzjoni ta' l-Ilma liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, hin u valur, akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u cirkustanzi, ghamel hsara fil-makkinarju ta' l-ilma jew ikkaguna hsara jew telf ta' l-ilma, ghamilt hsara jew kisser xi parti tal-meter wzati fil-provista ta' l-ilma.

Il-Qorti giet mitluba li barra li taghti l-piena tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez ghat-tenur ta' l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji (a fol 4).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkonsidrat

Illi l-Qorti se tibda biex, ghal kull bon fini, taghmel is-segwenti kummenti fuq dak li huma l-fatti prezentati quddiemha f'din il-kawza.

Mix-xhieda prodotta, cioe dik ta' Emanuel Cumbo, il-Financial Administrator tal-Korporazzjoni ta' Ilma jidher li mil-kalkolazzjoni tieghu l-ammont dovut mill-akkuzat mhux dak li jidher fl-akkuza u cioe ta' Lm1233.21 imma ta' Lm936.46. Is-Sur Cumbo spjega dan bhala mathematical error.

Irrizulta wkoll ben car illi fil-fatt il-meter mertu ta' l-akkuza fil-fatt kien gie mwahhal bil-maqlub mill-istess registered consumer l-akkuzat. Dan gie ammess mill-istess akkuzat meta xehed fl-inkjesta. Ammetta pero' hu li kien qaleb il-meter bi zball erba' xhur qabel l-inspection mill-impjegati tal-Korporazzjoni.

Meta s-Sur Cumbo gie mistoqsi kif wasal ghas-somma ta' Lm825.55 misused water, huwa wiegeb li din inhadmet minn meta jigi skopert "l-illegal point" mill-Korporazzjoni u dan a bazi tal-kambjament fil-konmsum min-naha tar-registered consumer u l-familja tieghu, dan jidher car mid-dokument minnu esebit immarkat bhala Dok EC.

Pero' jigi rilevat illi l-korporazzjoni barra li naqqset l-ammont pretiz mill-akkuza ghax sar mathematical error, naqset ukoll illi tipprezenta d-dokumenti ta' dak li bdiet tallega minn meta giet stabbilita l-hekk imsejha "illegal point", fil-fatt ma gietx esebita ebda record of consumption prova ta' dan.

Mankanti din il-prova, u ghalkemm l-artikolu tal-Kap 9 jitfa' fuq l-akkuzat onu ta' prova dejjem sal-grad tal-probabilita', pero' jibqa' dejjem il-punt li ma giex sufficjentement ippruvat l-intenzjoni li l-akkuzat ried fil-fatt jikkommetti serq specjalment meta gie ukoll stabbilit illi huwa facli li persuna twahhal meter bil-kontra la ma tkunxc tifhem fuq tali fatt.

Premess dana kollu, fuq il-fatti, l-Qorti tghaddi biex tezamina l-process mill-angolu formali tieghu. Din il-kawza giet prezentata bic-citazzjoni fl-24 ta' Settembru, 1997, bdew jinstemghu il-provi fis-17 ta' Marzu, 1998, fis-seduti ta' qabel ma gara assolutament xejn. Jirrizulta ghalhekk mill-atti illi qatt ma nqrat l-akkuza, qatt ma sar interrogatorju u l-imputat qatt ma ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji.

Tenut dan kollu, din il-Qorti baqghet vestita b'kompetenza ta' Qorti Istruttorja, ghaldaqstant qeghda fl-impossibilita' illi tghaddi gudizzju fuq l-akkuza kif dedotta.

Tenut dak kollu premess, tqis li l-akkuza ma gietx pruvata u ghaldaqstant tilliberah mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.